**13 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

**Angela Bajada et.**

*versus*

**Maria Margherita Farrugia et.**

**Donazzjoni — Settwaġenarju — Nullità — Aċċettazzjoni ta' Eredità — Art. 1839 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili hija rikjesta biex min hu settwaġenarju jista' jagħmel donazzjoni; liema awtorizzazzjoni hija ċertament nulla jekk tkun ġiet ottenuta orrettizjament jew surrettizjament; u nulla hija wkoll id-donazzjoni li ssir bis-saħħa ta' dik l-awtorizzazzjoni nulla.*

*Imma din hija nullità relattiva, għax tinteressa biss lill-persuni li jiġu preġudikati bl-att null, u mhux nullità assoluta, għax mhix ta' interess pubbliku. Minn din in-nullità relattiva titnissel l-azzjoni ta' rexissjoni favur il-persuna li l-liġi riedet tipproteġi, u favur l-eredi tagħha.*

*Konsegwentement, jekk donazzjoni tkun saret minn raġel u mara miżżewġin, u jmut ir-raġel donanti, dawk fost uliedu li jridu jattakkaw dik id-donazzjoni ma jistgħux jattakkawha għal dak li jirrigwarda l-omm donanti li għadha ħajja, għar-raġuni illi dik in-nullità tikkonċerni lill-omm, u hija din biss li tista' titlob ir-rexissjoni tad-donazzjoni minnha magħmula, ladarba għadha ħajja.*

*Kwantu għal dak li jirrigwarda d-donazzjoni bħala magħmula mill-missier, li hu mejjet, l-azzjoni ta' rexissjoni hija magħmula sewwa meta hija diretta kontra l-eredità ġjaċent tiegħu; imma fl-istess ħin, billi l-missier hu mejjet, l-azzjoni tittrasmetti ruħha favur l-eredi tiegħu, u dawn ma jistgħux jesperixxu dik l-istess azzjoni qabel ma jkunu aċċettaw l-eredità ta' dak il-missier.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u mogħtija l-provvedimenti neċessarji, peress li b'kuntratt publikat minn Nutar

Dottor Paul Pullicino fit-3 ta' Diċembru 1955 (dok. A) l-imsemmi Rocco Farrugia u l-konvenuta martu għamlu donazzjoni lill-binthom il-konvenuta Brimmer, tal-utili dominju perpetwu tat-terran jismu "Dar is-Sebħ" u tal-mezzanin sovrappost għalieh jismu "Dar il-Hena", mingħajr numri, f'Villambrosa Street, il-Ħamrun, imissu flimkien mit-tramuntana ma' beni tad-donatur, mill-punent ma' Villambrosa Street, u minn nofsinhar ma' trieq proġettata, kif flimkien suġġetti għaċ-ċens annwu perpetwu ta' £3, minn ħaġ'oħra liberi u franki; u peress illi l-istess konjuġi Farrugia, li allura kienu ġa għalqu s-sebgħejn sena, ippreżentaw rikors quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti għall-opportuna awtorizzazzjoni, kif jidher minn kopja tiegħu annessa mal-imsemmi att (dok. A), u din l-awtorizzazzjoni ġiet mogħtija mill-prelodata Qorti, bis-sempliċi konferma bil-ġurament tar-rikorrenti, b'digriet tas-26 ta' Novembru 1955; u peress illi dak id-digriet ġie mogħti fuq rikors orrettizju, għaliex, oltre t-tliet ibniet imsemmija fir-rikors, ċjoè ż-żewġ atturi u l-konvenuta Brimmer, hemm anki tifel ieħor li jinsab imsiefer, u għalhekk dik l-awtorizzazzjoni hija nulla u ta' ebda effett; u peress ukoll illi s-serviġi li rrendiet il-konvenuta Brimmer lill-ġenituri tagħha huma tant żgħar li s-serviġi li rrendew u l-flus li taw l-atturi lill-imsemmija ġenituri jgħollu bil-bosta l-ftit serviġi li talvolta rrendiet l-imsemmija konvenuta; u billi għalhekk dik id-donazzjoni saret fuq awtorizzazzjoni li l-Qorti ma kienetx tagħti kieku kienet edotta bil-fatti kollha kif fuq esposti, u għalhekk id-digriet relattiv huwa null u ineffikaċi, u huwa wkoll null l-imsemmi att ta' donazzjoni; u peress illi l-atturi, bħala ulied tal-imsemmi Rocco Farrugia, għandhom interess jagħmlu d-domanda infraskritta; talbu li, previa d-dikiarazzjoni li d-digriet tas-Sekond' Awla tas-26 ta' Novembru 1955 ġie ottenut orrettizjament, jiġi dikjarat u deċiż illi l-att tad-donazzjoni fuq imsemmi huwa null u ineffikaċi għall-finijiet kollha tal-liġi. Bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Mill-att introduttiv tal-kawża jidher li l-atturi, li hu-

ma ulied leġittimi u naturali tal-mejjet Rocco Farrugia u l-konvenuta martu Maria Margherita armla mill-istess Rocco Farrugia, qegħdin jitolbu fil-kontestazzjoni ta' ommhom proprio, u jekk hemm bżonn bħala użufruttwarja talimsemmi żewġha, ta' oħthom Maria Vittoria mart Joseph Brimmer, oltre kontra l-eredità ġjaċenti tal-istess Rocco Farrugia, prevja d-dikjarazzjoni li d-digriet ta' din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Tagħha Volontarja tas-26 ta' Novembru 1955 ġie ottenut orrettizzjament, li jiġi dikjarat u deċiż illi l-att tad-donazzjoni magħmul mid-decujus Rocco Farrugia u l-ħajja martu Maria Margherita, konvenuta, fl-attijiet tan-Nutar Dr. Paul Pullicino tat-3 ta' Diċembru 1955 (dok. A) favur il-konvenuta l-oħra Brimmer, huwa null u ineffikaċi għall-finijiet kollha tal-liġi; għar-raġunijiet li l-awtorizzazzjoni li kienet meħtieġa sabiex issir dik d-donazzjoni, in vista tal-fatt li ż-żewġ donanti kienu għalqu s-sebgħejn sena, kienet ġiet mogħtija mill-Qorti fuq sempliċi informazzjoni bil-ġurament tar-rikorrenti (l-istess donanti), u peress li orrettizjament f'dak l-istess rikors l-istess rikorrenti ma kienux semmew li, oltre l-atturi u l-konvenuta Brimmer, kellhom tifel ieħor li jinsab imsiefer, u peress li d-donatarja kienet ilha mill-annu 1947 tirrendilhom serviġi meta huma jkunu morda, mentri fil-fatt l-istess donatarja rrendiet serviġi żgħar fil-paragun tas-serviġi tal-atturi lejn id-donanti, kif ukoll il-flus li tawha; dawn l-aħħar serviġi kienu bil-bosta jissuperaw l-istess ftit serviġi tad-donatarja, b'mod li, kieku l-Qorti kienet edotta bil-fatti kollha, ma kienetx tawtorizza dik l-istess donazzjoni;

Illi jingħad ukoll illi, oltre li mill-istess att promotorju tal-ġudizzju, mill-verbal tal-11 ta' Ġunju 1957 (fol. 414) jirriżulta li ż-żewġ attriċi għadhom ma aċċettawx l-eredità tal-mejjet missierhom Rocco Farrugia; liema eredità ġjaċenti tinsab ukoll, kif fuq intqal, imħarrka fil-kawża malkonvenuti l-oħra fuq imsemmija;

Ikkunsidrat;

Illi, premessi dawn il-fattijiet fuq relatati, mhux barra minn loku li jingħad, in tema ġenerali, li l-awtorizzazzjoni tal-Qorti mogħtija fuq domanda orrettizja (il-frodi li tiġi magħmula fl-otteniment ta' xi grazzja, titolu jew konċes-

sjoni tas-superjur, meta jkun hemm skiet ta' verità li kienet meħtieġa li tkun rivelata għall-validità ta' dik il-konċessjoni), jew surrettizja (il-frodi li tiġi magħmula għall-otteniment tal-istess attijiet fuq imsemmija b'adduzzjoni ta' fattijiet kuntrarji għall-verità), hija ċertament nulla;

Illi in konsegwenza, loġikament, minn dan normalment jitnissel li dak li jkun ġie ottenut mill-istess Qorti b'awtorizzazzjoni mtebba b'orrezzjoni jew surrezzjoni ma jkunx fil-fatt ġie awtorizzat għalieh, bħal li kieku ma kienx hemm ebda awtorizzazzjoni;

Illi huwa risaput li fid-dottrina huwa rikonoxxut li, għalkemm in ġenerali kull persuna li tkun minn vjolazzjoni tal-liġi rriżentiet xi dannu għandha d-dritt iġġib il-quddiem kontra dik il-vjolazzjoni l-kwereli tagħha; eppure, biex hekk tafferma d-dritt tagħha, trid ikollha l-kwalità sa biex tkun tista' tipprevali ruħha minn dik l-istess nullità. Infatti, il-Vantius, "De Nullitatibus", fil-Cap. 3, no. 1, jgħid:- "De nullitate dicere et excipere potest omnis qui ex ea senserit se gravatum, quia est remedium juris; et solum quaerendum est quis ab eo prohibeatur". Issa, jekk huwa minnu li jeżistu nullitajiet assoluti, u ċjoè dawk li jitnisslu mill-liġi, motivati prinċipalment minn interess publiku, ma jistgħax jiġi eskluż li jikko-eżistu anki nullitajiet relattivi, ċjoè dawk li jinteressaw biss ċerti persuni; għal liema aħħar attijiet nulli jipprevali l-prinċipju fakoltattiv tal-annullabbilità, l-għaliex "quando actus nullus est favore alicujus, intelligitur se ipse velit". Fi kliem ieħor, l-attijiet annullabbli fl-interess ta' xi ħadd (mhux dawk nulli mħabba il-"non esse", jew nulli radikalment, jew assolutament nulli), mhumiex nulli verament, l-għaliex fil-konfronti ta' partijiet oħra huma jibqgħu jreġġu ruħhom, u jipproduċu l-effett tagħhom bħal li kieku ma jkunx hemm fihom ebda ommissjoni jew kontravvenzjoni;

Illi ma hemmx kwistjoni li n-nullità naxxenti mill-art. 1839(f) Kap. 23 hija nullità ta' indoli relattiva, li titnissel mhux minn inabilità naturali dwar il-konsentiment, imma mill-fatt li l-leġislatur ried jipproteġi ċerti kontraenti, fost-

hom il-mara u r-raġel li jkunu għalqu s-sebgħejn sena, fil-każ ta' donazzjonijiet li jeċċedu l-valur ta' £50;

Illi din in-nullità relattiva tipproduċi biss l-invalidità tal-obligazzjoni, u tagħti lok għall-azzjoni ta' rexissjoni, li tista' tiġi dedotta f'azzjoni mill-kontraenti li l-liġi riedet tipproteġi, u mill-eredi tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-iskorta tal-prinċipji fuq premessi, sorretti mid-dottrina (ara Merlin, Repertorio, vuċi Nullità, paragrafu II, *paġ. 302 u ta' wara*, Vol. XIII; Solon, Trattato delle Nullità, Cap. IX p. 123 u ta' wara; Giorgi, Obbligazioni, Vol. IV, para. 24, u Vol. VIII, para. 156; u l-awtur ċitat fil-korp tas-sentenza), u mill-ġurisprudenza lokali (Appell 18 ta' Marzu 1923, "Debono utrinque", Vol. XXV, P.I., paġ. 496; u oħrajn), din il-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina u tiddirimi l-kwistjoni sollevata mill-konvenuti proprio et nomine, u ċjoè jekk l-atturi setgħux jew le, skond il-fattijiet riżultati, jippromwovu l-azzjoni "de qua agitur";

Illi għall-fini fuq espress huwa tajjeb li ssir distinzjoni bejn id-donazzjoni magħmula mill-konvenuta Margherita Farrugia u dik magħmula mid-decujus Rocco Farrugia;

Illi mhux kontestat li d-donazzjoni "de qua" kienet ta' indoli rimuneratorja, ċjoè donazzjoni improprja, u mhux sempliċi liberalità, jew donazzjoni proprja, li għaliha, taħt iċ-ċirkustanzi tal-każ rilevati (rikonoxximent tal-ġenituri tas-serviġi mogħtija mid-donatarja, animu tad-donanti *li jikkompensawhom*, aċċettazzjoni tas-serventi li timplika l-intenzjoni li tiġi mħallsa għalihom), li Vittoria Brimmer setgħet tikkompeti azzjoni, b'mod li dan il-kumpens, kieku ma saretx id-donazzjoni, kien di neċessità jkun jaggrava bħala debitu r-rispettivi patrimoni tad-donanti, li għall-finijiet tal-kalkolu tal-leġittima kien ikollu jiġi diffalkat, l-għaliex il-leġittima tiġi kalkulata wara n-nuqqas u deduzzjoni tad-debiti gravanti l-istess patrimonju;

Ikkunsidrat;

Illi, meta obligazzjoni tkun sempliċement invalida, tista' tintalab ir-rexissjoni tagħha mill-persuna kontraenti li tkun stipulatha bla kapaċità legali, jew li l-kunsens tagħha jkun vizzjuż, jew li tkun danneġġjata minnha. Huwa għalhekk li, jekk l-awtorizzazzjoni ottenuta minn Margherita Farrugia kienet (jingħad għall-grazzja tal-argument) imtebba bi frodi orrettizja, u kwindi nulla u qiesha ma teżistix fil-konfronti tagħha, l-istess Farrugia biss, li għadha ħajja, setgħet se maj tintakka l-validità tagħha; l-għaliex lilha kienet tikkonċerni, peress li dik l-awtorizzazzjoni tutelari kienet u hija kreata mill-leġislatur favur tagħha. *Infatti, Margherita Farrugia, li otteniet dik* l-awtorizzazzjoni biex tagħmel donazzjoni rimuneratorja bla ma semmiet li, oltre ż-żewġ attriċi, kien hemm tifel ieħor tagħha, tista', jekk qatt kienet invalida, tottieni l-konferma tagħha; "multo magis" meta jiġi kunsidrat li n-natura tal-att li għandu jiġi awtorizzat hija dik ta' rimunerazzjoni għas-serviġi personali, u, dipendentement minn-numru tat-tfal li kellha meta għamlitu, kien jikkostitwixxi debitu u dazzjoni "in solutum";

Illi kwindi, "rebus sic stantibus", kienet biss Margherita Farrugia ntitolata titlob ir-rexissjoni tal-att "de quo agitur", u mhux iż-żewġ attriċi;

Ikkunsidrat;

Illi dwar il-kwistjoni tat-talba magħmula miż-żewġ attriċi fil-konfront tal-eredità ġjaċenti ta' Rocco Farrugia, huwa tajjeb li jingħad li l-azzjoni tar-rexissjoni, meta ma tiġix promossa mid-decujus fil-ħajja tiegħu, tittrasmetti ruħha lill-eredi tiegħu, jekk ma jkunx għadda t-terminu tal-preskrizzjoni u salv li l-istess preskrizzjoni ma tkunx ġiet sospiża jew interrotta (art. 1269 Kap. 23). Eredi huwa dak li b'liġi jew b'testment jissuċċedi fid-drittijiet kollha, attivi u passivi, tad-decujus. L-eredi huwa aventi kawża a titolu universali, l-għaliex jieħu l-post stess tal-persuna li huwa jkun eredita, mentri akkwirent, donatarju, legatarju, eċċ., huwa aventi kawża b'titolu singulari; l-għaliex jirrappreżenta l-awtur tiegħu f'parti biss;

Illi tant l-eredi testati kemm l-eredi ntestati, sakemm

ma jaċċettawx l-eredità, sew espressament sew taċitament, b'mod inekwivoku, l-istess, għalkemm imnisslin mid-decujus, ma jistgħax jingħad li huma eredi jew aventi kawża;

Illi ż-żewġ attriċi ddikjaraw inekwivokament li huma għadhom ma aċċettawx l-eredità ta' missierhom (ara verbal fol. 414 tal-11 ta' Ġunju 1957);

Illi kwindi, sakemm huma ma jiddikjarawx humiex sejrin jaċċettaw l-eredità paterna, l-azzjoni ntentata ma tistgħax tispetta lilhom fil-konfronti tad-donazzjoni magħmu'a mid-decujus;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi, prevju li tiddikjara li għal issa ma hemmx lok li tiġi deċiża d-dikjarazzjoni mitluba, billi tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż għaż-żewġ attriċi.